MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2008

Talba Numru. 101/2006

**Talba Nru: 101/06VGD**

Jean Pierre Debattista (ID. 386479M)

Vs

Simone Niro (ID. 16202L)

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur ippremetta (i) illi l-partijiet kellhom relazzjoni u ddecidew li jabitaw flimkien. Inoltre sabiex dan ikun possibbli ghalihom l-attur kellu jissellef somma ta' flus halli l-partijiet ikunu jistghu ihallsu l-ispejjes tal-gar, jixtru xi mobbli ghad-dar u vettura tat-tip mini; (ii) illi dina r-relazzjoni spiccat minhabba tort unikament imputabbli lill-konvenuta u ghalhekk l-partijiet ma baqghux aktar jghixu flimkien; (iii) illi l-oggetti u l-vettura hawn fuq imsemmija baqghu kollha fil-pussess tal-konvenuta li da parti taghha weghdet u obbligat ruhha li

tirrifondi l-ammont ta’ flus lill-attur ta’ dak is-self li huwa kellu jiehu ghall-oggetti li sal-llum ghadha tgawdihom il-konvenuta; (iv) illi minkejja l-fatt li l-konvenuta giet interpellata sabiex tersaq ghall-hlas tas-somma ta’ elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500), hija baqghet dejjem inadempjenti. Ghaldaqstant l-attur jitlob bir-rispett sabiex jigi ordnat lill-konvenuta thallsu s-somma ta’ elf u hames mitt lira Maltin (LM1,500). Bl-ispejjes.

Ra r-risposta tal-konvenuta li eccepiet illi 1. it-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda stante illi huma infondati fil-fatt u fid-dritt; 2. l-attrici m’ghandha taghti xejn lill-attur; 3. illi fl-appartament ma hemm xejn mixtri mill-attur; 4. l-attrici qatt ma obbligat ruhha thallas xi parti mill-allegat self tal-attur; 5. il-karozza nghatat lill-konvenuta mill-attur bhala rigal u hi lanqas biss riditha; 6. finalment ir-raguni ghaliex giet terminata r-relazzjoni, jekk hi ta’ rilevanza, mhix imputabbli lill-konvenuta. Bl-ispejjes kontra l-attur.

Ra l-affidavit ta Keith Catania prodott mill-attur.

Sema x-xhieda ta’ l-attur Jean Pierre Debattista.

Sema x-xhieda ta’ Emanuel Debattista prodott mill-attur.

Sema x-xhieda ta’ Matthew Dimech prodott mill-attur.

Sema x-xhieda tal-konvenuta Simone Niro.

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra.**

Illi fl-Avviz minnu pprezentat, l-attur jibbaza t-talba tieghu fuq l-allegazzjoni li permezz ta’ ammont ta’ flus li huwa silef, hu u l-konvenuta setghu ihallsu l-ispejjes tal-gar, tax-xiri ta’ mobbli ghad-dar u ghal vettura, u peress li l-oggetti u l-vettura baqghu kollha fil-pussess tal-konvenuta li baqghet tgawdihom, il-konvenuta ghandha l-obbligu li

thallas lura lill-attur dan l-istess ammont ta’ flus li kellu jislef, u li anki hallas lura.

Illi minn-naha taghha, l-konvenuta tecepixxi li m’ghandha taghti xejn lill-attur u li qatt ma obligat ruhha thallas xi parti mill-allegat self tal-attur. Inoltre, hija tikkontendi li l-vettura inxtrat mill-attur bhala rigal ghaliha u li hija qatt ma riedet din il-vettura.

Illi mill-provi prodotti, jirrizulta s-segwenti:-

L-attur xehed illi l-partijiet kienu ddecidew li jibdew jghixu flimkien u l-ewwel kienu bdew jghixu f’post izda mbaghad marru jghixu go post iehor ir-Rabat, liema post kellu bzonn xi ‘refurbishment’. L-attur isostni illi s-self sar mit-tnejn li huma u mhux minnu biss. Huwa jsostni li kellhom jisilfu l-flus sabiex ikunu jistghu ihallsu ghall-ispejjes ta’ traslok mill-ewwel post ghat-tieni post u sabiex ihallsu ghall-kcina, ‘airconditioning’, tibjid, dawl u ilma u ‘s-soft furnishings’. Skond l-attur, wara li ntemmet ir-relazzjoni taghhom, il-partijiet ftehmu li l-konvenuta tibqa tghix gol-post in kwistjoni u li hi tirrifondi lura lilu l-ispejjes li kien nefaq fil-post. L-ammont li kellu jihallas lura lilu kien ta’ Lm1,500. Waqt il-kontro ezami tieghu, l-attur ikkonferma illi huwa stess kien hallas lura l-ammont kollu li kien ha b’self minghand Keith Catania.

Illi x-xhud Keith Catania, fl-affidavit tieghu jikkonferma illi huwa sellef l-ammont ta’ elfejn lira Maltin (Lm2000) lill-attur. Xehed ukoll li kien mar jara d-dar fejn kienu jghixu l-partijiet gewwa r-Rabat u kien jaf li l-attur ghamel xi xoghol ta’ tibjid u xi xoghlijiet ohra fid-dar. Huwa jikkonferma illi l-konvenuta kienet ltaqet mieghu wara li l-partijiet kienu infirdu, u li hi stess kienet qaltlu li kienet ser thallsu lura l-flus li kien sellef lill-attur. Madankollu, l-konvenuta qatt ma ghamlet pagament wiehed, u l-pagamenti ghall-ammont kollu kienu saru mill-attur.

Missier l-attur, u cioe Emanuel Debattista xehed illi huwa kien ghamel xi perjodu jghin lill-attur bl-ispejjes tieghu billi jhallaslu xi affarijiet bhalma huma ‘cooker’ u ‘fridge’, meta l-partijiet bdew jghixu flimkien. L-istess xhud pero

jikkonferma illi huwa la qatt talab u lanqas ma ppretenda li jiehu l-flus lura. Meta mbaghad il-partijiet kienu ser imorru jghixu r-Rabat, l-ispejjes kienu ser ikunu tali li ma setghax ikompli jghin, u ghalhekk l-attur kellu jissellef minghand habib tieghu. L-istess xhud jikkonferma li mar jara x-xoghlijiet li kienu qedin isiru fil-post in kwistjoni, u dawn kien jikkonsistu fi tibjid, tikhil u brix ta' l-intrata.

Ix-xhud Matthew Dimech xehed illi huwa kien mar jghin lill-attur sabiex jaghmel xi xoghol fil-post in kwistjoni, u li tali post kellu l-'fittings' antiki u kellu bzonn 'refurbishment'. Huwa kien jaf li l-attur ha self ta' Lm2000 minghand Keith Catania, u kien anki prezenti meta l-konvenuta kienet qed tkellem lill-Keith Catania dwar il-hlas tas-self, alavolja ma setghax jisma dak li kienu qedin jghidu.

Illi in sostenn tat-talba tieghu, l-attur pprezenta tlett dokumenti (a fol. 35 sa 37) li huma s-segwenti:- (1) Ircevuta mahruga fuq l-attur ghall-ammont ta' Lm350 sabiex inxtrat il-vettura Mini; (2) Skrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu ghall-ammont ta' Lm1400, iffirmata mill-attur bhala debitur a favur tal-kredituri Stephen Borg u martu Louise Borg – fejn l-ammont imsemmi jirrigwarda prezz ta' xogholijiet li saru fil-post tar-Rabat; (3) ircevuta mahruga fuq Emanuel Debattista bid-data tad-19 ta' Frar 2002, ghax-xiri ta' 'appliances'.

Illi minn-naha l-ohra, l-konvenuta tiddikjara li m'ghandha taghti xejn lill-attur minn dak li qed jintalab minnha. Fir-rigward tal-vettura hija tghid li din inxtrat mill-attur bhala rigal ghall-birthday taghha. Alavolja l-ewwel xehedet illi kienet tuza din il-vettura hi stess, fl-istess nifs tghid illi ma kellhiex licenzja u qatt ma saqitha u ghalhekk il-karozza inxtrat ghal xejn. Fir-rigward tas-self li sar, hija tiddikjara li kienet taf b'dan is-self izda ma kenitx involuta fit-tranzazzjoni, u kien l-attur li kien silef il-flus minghand Keith Catania. Fl-istess hin il-konvenuta tikkonferma illi l-flus gew mislufa lill-attur sabiex huma setghu ilestu u jirrangaw il-post fejn kienu ser jghixu. U fl-ahharnett, fir-rigward tal-'appliances' li kienu nxtraw minn missier l-attur, il-konvenuta tghid illi hija kienet offriet lill-attur sabiex jiehu

dawn kollha mieghu meta telaq mid-dar, izda l-attur irrifjuta li jaghmel dan.

In kontro ezami, l-konvenuta ikkonfermat illi hija kienet lesta li thallas lura lill-Keith Catania l-ammont misluf. Skond hi, dan ghamlitu ghaliex l-attur kien qieghed jigri warajha u xtaqet li l-istorja tieqaf hemm. Wara li accettat thallas lura l-ammont, l-attur kien qalilha li hi ma kellha xejn x'taqsam ma Keith Catania u li kellha thallas lilu direttament. Hija xehedet ukoll li kienet bieghat il-vettura li kien ta l-attur, wara li ghamlet zmien ma tuzax l-istess.

Illi fl-isfond ta' dan kollu, t-Tribunal jidhirlu li l-kwistjoni principali f'din il-kawza hija jekk il-konvenuta ghandhiex tigi kkundannata thallas lill-attur l-ammont ta' Lm1,500 li l-attur kellu jissellef u li anki hallas lura, sabiex il-partijiet sethgu jaghmlu xi xoghlijiet fid-dar taghhom, u sabiex inxtraw certu affarijiet.

Jidher li l-konvenuta ma kellhiex x'taqsam mas-self li sar, fis-sens illi ma kenitx involuta fit-tranzazzjoni, izda l-attur u Keith Catania kienu l-unici persuni involuti fit-tranzazzjoni. Dan pero xorta wahda ma jaghmel l-ebda differenza, ghaliex hawnhekk non si tratta ta' kawza dwar self, imma sempliciment talba ghar-rifuzjoni ta' flus li l-attur kellu jsellef u li mbaghad hallas lura sabiex il-partijiet setghu jirrangaw il-post taghhom, f'liema post baqghet tghix u tgawdi biss il-konvenuta.

Illi s-segwenti huma fatti inkonstestati:- (i) il-partijiet ghamlu xi zmien f'relazzjoni flimkien, u bdew jghixu flimkien; (ii) meta marru jirrisjedu fil-post tar-Rabat, kien hemm bzonn illi jsir hafna xoghol ta' 'refurbishment' f'dan l-istess post; (iii) sabiex sar dan ix-xoghol, l-attur ha self fl-ammont ta' Lm2000 minghand certu Keith Catania; (iv) il-konvenuta kienet taf b'dan is-self, u kienet taf li sar sabiex setghu ihallsu l-ispejjes tad-dar; (v) minn dan l-ammont misluf, l-attur xtara ukoll vettura ghall-konvenuta; (vi) ftit wara li marru jghixu l-post gewwa r-Rabat il-partijiet infirdu; (vii) il-konvenuta baqghet tghix fil-post in kwistjoni, filwaqt li l-attur telaq minn hemm; (viii) il-vettura baqghet

ghand il-konvenuta; (ix) il-konvenuta kienet accettat u kienet lesta li thallas lura lill-Keith Catania l-ammont li huwa kien sellef lill-attur.

Illi mid-dokumenti esebiti mill-attur in sostenn tat-talba tieghu, l-ircevuta ghall-appliances fl-ammont ta' Lm514, ma tistax tittiehed in konsiderazzjoni stante li dawn inxtraw minn missier l-attur li qatt ma talab lura l-flus. Ghalhekk jibqa biss l-ammont ta' Lm350, prezz tal-karozza li nxtrat ghall-konvenuta u li baqghet ghandha sakemm hi stess bieghet il-vettura, u l-ammont ta' Lm1,400 prezz ta' xoghlijiet li saru fid-dar tar-Rabat fejn baqghet tghix biss il-konvenuta. Dawn iz-zewg ammonti flimkien jammontaw ghal Lm1750, izda permezz ta' din il-kawza, l-attur qed jitlob biss minghand il-konvenuta l-ammont ta' Lm1,500.

Illi t-Tribunal jidhirlu li gjaladarba kienet il-konvenuta li baqghet tghix u tgawdi mix-xoghlijiet li saru fil-fond in kwistjoni, u peress li kienet il-konvenuta li zammet u sahansitra bieghet u ghamlet qliegh mill-vettura li nxtrat mill-attur, allura ghandha thallas hi ghal dawn l-ispejjes. B'hekk hija ghandha tirrifondi dawn il-flus lill-attur li kien hu li silifhom u kien hu li hallashom lura. It-Tribunal jidhirlu li l-fatt illi l-konvenuta fix-xhieda taghha stess tghid illi kienet lesta li thallas lura l-ammont, juri illi l-ftehim bejn il-partijiet kien proprju hekk fil-mument meta nfirdu, u se mai kien biss wara li ghadda z-zmien li l-konvenuta bidlet fhemtha u deherilha li m'ghandha thallas u m'ghandha taghti xejn.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi filwaqt li jilqa t-talba tal-attur, jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta u jikkundanna l-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' tlett elf, erba mija, u erba u disghin Ewro u sitt centezmi (€3494.06), (ekwivalenti ghal elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500) kif mitluba fl-Avviz). L-ispejjes kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------